# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Fontana

Is-Seba' Leġislatura

**Laqgħa numru 25**

**29 ta' Mejju 2018**

Il-Kunsill Lokali tal-Fontana ltaqa' fis-Sala tal-Komunita' li tinsab fi Triq Ta' Mulejja fil-5.00pm.

**PREŻENTI:**

Saviour Borg – Sindku
Victor Cefai – Viċi-Sindku
Carmel Farrugia – Kunsillier
Horace Micallef - Kunsillier
Mario Mercieca – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Heidi Grech – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

### 25.1 Qari tal-ittri ta' Apoloġiji.

Il-membri kollha kienu preżenti għal-laqgħa u għalhekk ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji. Is-Sindku Saviour Borg ippresieda l-laqgħa.

### 25.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.

Ġew ppreżentati l-minuti numru 24 għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Is-Sindku talab li għandna nżidu wkoll li kien hemm qbil sabiex il-Kuntratt tal-ġbir ta' skart jiġġedded għal xahar, kif ukoll li s-servizz tal-Green MT dwar il-ġabra tar-riċiklaġġ ta' nhar ta' Tlieta kellu jitkompla fuq ordni tal-Gvern Ċentrali xhur ilu. Dan qed jintqal peress li qatt ma tniżżel fil-minuti. Il-Kunsill qabel ma' dan. Il-Minuti ġew approvati unanimament.

### 25.3 Komunikazzjoni mis-Sindku.

25.3.1 Issa li qorbot il-festa nieħdu ħsieb li jrid isir it-tindif għal matul dawn il-ġranet. Ngħidu lill-Public Cleansing biex jieħdu ħsieb li jsir it-tindif tas-soltu f'dawn it-toroq: Triq il-Ghajn u Triq l-Isptar San Giljan li huma responsabilta tal-Gvern Ċentrali. Kif ukoll Triq il-Kappillan Guzepp Hili li taqa' taħt ir-responsabilta' tal-kunsill, iżda peress li għandna ħaddiem wieħed nitolbu l-għajnuna tagħhom ukoll. Il-kunsill ser jieħu ħsieb, bir-riżorsi li għandu, iz-zuntier, il-playingfield u d-dawra tal-knisja fi Triq Ta' Mulejja. Il-Kunsilliera Horace Micallef u Mario Mercieca semmew li jkun aħjar kieku ninfurmawhom ukoll li din is-sena se jkollna l-marċ ta' filgħodu fi Triq l-Isptar San Giljan u għalhekk din ukoll trid terġa tinkines. Is-Sindku nforma lill-kunsill li peress li l-ħaddiem tal-Kunsill jinsab indispost u għalhekk qabbadna lil Emanuel Conti sabiex isir il-knis tat-toroq li huma responsabilta' tal-kunsill, kif ukoll tisqija ta' diversi pjanti. Is-Sur Conti ser jitqabbad ukoll sabix jagħti l-għajnuna tiegħu lill-ħaddiem tal-kunsill dwar it-tindif fil-ġranet tal-festa. Maureen Cardona, ħaddiema tal-Kunsill tkun tista' tieħu ħsieb li l-playingfield u z-zuntier jinżammu nodfa.

25.3.2 Kollox huwa ppreparat għal Festa Tfal. Se jiġu wkoll grupp ta' tfal minn Annette's Mystic Dancers sabiex jippreżentaw żifna ħelwa f'din l-attivita'.

25.3.3 Is-Sindku semma li qed jitħejja l-fuljett li joħroġ fl-okkażjoni tal-festa kif ukoll biex naħsbu għall-ikla tal-anzjani li jgħixu waħedhom. Il-Kunsilliera Micallef u Mercieca fakkru sabiex jintbagħat *draft* qabel ma dan jiġi pprintjat.

25.3.4 Peress li ż-żbir tal-*hedges* tal-*playingfield* u l-belvedere Ta' Mulejja baqgħu ma sarux minn Neville Mercieca, is-Sindku ppropona li jinstab xi ħadd ieħor sabiex isiru. Qal ukoll li hem bżonn tinxtara xkora *hydraulic lime* għal xi fili li hem fil-faċċata tal-Għejjun. Il-kunsill qabel ma dan.

25.3.5 Il-Bankijiet tal-injam ġew ordnati mingħand Vassallo u minkejja li dan il-mudell huwa wieħed antik, se jkun jista jipprovdilna t-tnejn li għandna bżonn. Il-Kunsillier Micallef staqsa dwar il-katusa li kellha titwaħħal fi Triq John Gaspard le Merchant. Is-Sindku wieġeb li l-katusa u l-*elbow* sibna nixtru mingħand il-kumpanija 'Road Construction' u ser jitqiegħdu.

25.3.6 Is-Sindku nforma l-membri li war li ħarġet u għalqet l-offerta biex isir bil-*porfido* l-bejt tat-tieni fażi taċ-Ċentru Ċiviku, kif ukoll jinxtara *porfido* għall aħħar fażi li għad trid tinbena. Dan għar-raġuni biex il-*porfido* jkun jaqbel. Ġie ffirmat il-Kuntratt mal-kumpanija *Road Construction Ltd*, biex jitwettaq dan xogħol. Dan sar mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv f'isem il-Kunsill u s-Sur Victor Ħili, l-Kuntrattur. Il-Kuntrattur ġab ukoll il-*Performance Guarantee* hekk kif hu mitlub u għalhekk ix-xogħol jista jibda.

25.3.7 Hemm bżonn li jinbidlu l-qsari li hemm l-fuq mit-telgħa kif ukoll tal-Belveder. Żid jgħid ukoll li DLG kienu qalulna sabiex nixtru l-boroż tar-reċiklaġġ u jirrifonduna tal-ispejjeż. Għalhekk issuġġerixxa li nixtru l-boroż u f'kas li ma ningħatawx din ir-refużjoni iħallashom il-Kunsill. Il-membri qablu ma dan.

25.3.8 Saret il-korrezzjoni tal-kliem tal-*Feature* dwar il-festa li jintwera lejliet il-festa qabel il-ħruġ tal-logħob tan-nar tal-art.

25.3.9 Għalqet l-offerta għal xiri tat-tiżjin tal-Milied li huma proġettati għal Triq il-Kappillan Ħili, u intefgħat offerta waħda. Is-Sindku żid jgħid li għandna naħtru bord ta' evalwazzjoni u dan l-istess bord jibqa tali sabiex jevalwa offerti oħra relatati ma' xogħol u/jew materjal elettriku. Il-membri qablu ma dan.

25.3.10 Hemm bżonn li tinxtara ż-żebgħa bajda kif ukoll ix-xemgħa.

25.3.11 Is-Sindku qal li wara li ra fid-dettal il-permess tal-Planning Authority li kien ħareġ fil-*method-statement* tal-2016, l-istatwi ta' San Pietru u San Pawl ma humiex imdaħħlin. Għalhekk hemm bżonn li ssir emenda. Jkun tajjeb jekk ninfurmaw lill-Kappillan.

25.3.12 Dwar iż-*Zebra Crossing,* is-Sindku ssuġġerixxa li din titwaħħal fil-kurduna. Il-Kunsillier Micallef ma qabilx għaliex qal li jekk jeħlu fil-kurduna jisgħu jkunu ta' periklu. Is-Segretarja nfurmat lill-membri li l-*electrician* tal-Kunsill kellu jibgħat pjanta ta' kif huma ppjanti li jeħlu lil Transport Malta, għal kunsiderazzjoni u approvazzjoni min naħa tagħha. Pero s'issa kien għadu ma bagħtiex. Waqt il-laqgħa saret komunikazzjoni ma' Chris Galea, l-*electrician* u dan infurmana li kien għad jonqsu biss il-qisien tal-wisa tal-bankina. Il-Kunsillier Micallef qallu li dawk huma normalment wiesa metru u nofs u għalhekk jista jmexxi hekk.

25.3.13 Is-Sindku irrimarka li għadna mingħajr il-kaxxa tal-muturi li l-Kunsill kien talab biex issir fi Triq Kappillan Ħili. Żid jgħid li jħoss li Transport Malta qegħdin jiddiskriminaw ma din it-talba li ressaq hu, peress li qed jitolbu li t-triq kollha ssir kaxxi għall-vetturi meta t-talba li kien għamel il-kunsillier Horace Micallef għal kaxxa għall-muturi fi Triq il-Qalb ta' Ġesu ngħatat il-permess meħtieġ mingħajr ma ntalab biex isiru l-kaxxi għall-vetturi għall-istess triq. Għalhekk issuġġerixxa li ngħidu lill-Avukat tal-Kunsill, Dr. John Paul Grech sabiex jieħu ħsieb jikteb lil Transport Malta. Il-Kunsillier Micallef ma qabilx għaliex qal li dawn huma spejjeż u nfieq fil-vojt.

25.3.14 Saret il-ħarġa soċjo-kulturali għar-residenti tal-Fontana f'Malta. Żorna l-wirja agrarja fil-Buskett, imtella' mill-Kunsill ta' Ħad-Dingli u l-bajja ta' Marsaxlokk. Attendew tlieta u għoxrin persuna fosthom s-Sindku kif ukoll il-Kunsillier Micallef.

25.3.15 Iż-żgħażugħ Adam Refalo, mużiċist mil-lokalita' tagħna, intbagħat mill-Kunsill biex jieħu sehem flimkien ma' żgħażagħ oħra Għawdex fil-*Festival des Lycees et Apprentices – European Orchestra – Region Aquitane* fi Franza.

25.3.16 Is-Sindku attenda għal attivita' 'Waste Reduction Week' fil-lukanda Dolmen fejn ġew ipprekjati diversi entitajiet. Il-Kunsill għat-tieni sena konsekuttiva rebaħ premju. Din is-sena ġie fit-tieni post f'Għawdex dwar il-ġbir tal-iskart organiku. Is-Sindku ġie ppremjat bi trofew u voucher ta' €3,000 mill-Ministeru tal-Ambjent u Tibdil fil-Klima l-Onor. Jose Herrera u s-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali Silvio Parnis. Dan il-*voucher* irid jiġi użat sa Diċembru li ġej.

25.3.17 Sar il-ħlas mill-Wasteserv tal-€2,000 li l-Kunsill rebaħ is-sena l-oħra meta ġie fit-tielet post dwar il-ġbir tal-iskart organiku f'Għawdex. Dawn il-flus intużaw biex inxtraw *bins* ġodda għat-toroq John Gaspard le Merchant u Kardinal Alessandro Franchi.

25.3.18 Is-Sindku kellu laqgħa mall-Inġinier Mario Galea dwar il-ħruġ tal-offerti għal 26 fanal ġdid li ma jagħmlux *light pollution* u jagħti aktar dawl fit-toroq Kardinal Alessandro Franchi u John Gaspard le Merchant.

25.3.19 Ħarġet l-offerta għall-bini ta' ħajt tas-Sejjieħ minflok dak tal-kantun fil-Wied tax-Xlendi fejn xi snin ilu sar it-tindif u riabilitazzjoni tal-wied li hu fil-konfini tagħna.

25.3.20 Ġie ffirmat l-kuntratt għal servizz ta' *accountant* mas-Sur Daniel Galea.

25.3.21 Saru tliet *pots* kbar minflok il-palm li nqata' minħabba mard.

25.3.22 Is-Sindku qal li hemm persuna li jixtieq jikri s-sala tal-komunita' nhar it-8 ta' Lulju. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

**25.4** ***Full Development Permission – Application No PA/07009/002***

25.4.1 Is-Segretarja nfurmat lill-membri li rċevejna l-*Full Development Permission* għall-Street Furniture kif indikat fl-applikazzjoni numru 7009/002 u li ġiet ppreżentata fuq il-mejda. Jidher li f'Novembru tal-2014, l-Kunsill kien approva li titħallas il-multa hekk kif kien mitlub mill-istess Awtorita tal-Ippjanar. Madanakollu, għal xi raġuni din il-multa qatt ma tħallset. Għalhekk qegħdin niġu mitluba nħallsu s-somma ta' €349.41 fi żmien tletin ġurnata. Il-Kunsill qabel li din il-multa għandha titħallas.

**25.5** **Kwotazzjoni u xiri ta' A/C Unit għall-Uffiċċju Amministrattiv u xiri ta' boroż griżi għar-residenti.**

Is-Segretarja nfurmat lill-membri li reġgħu ntalbu l-kwotazzjonjiet lit-tlett aġenti u dawn ikkonfermaw li l-prezz hekk kif kien ingħata fl-ewwel kwotazzjoni ma nbidilx. Wara li l-Inġinier ra fid-dettal l-*ispecifications* tat-tlitt mudelli offruti, l-Inġinier Mario Galea ssuġġerixxa li għandna nixtru l-mudell Mitsui offrut mingħand il-GDA għal prezz ta' €599 minħabba li huwa mhux biss l-aktar effiċċjenti imma joffri wkoll l-aktar offerta vantaġġjuża.

Is-Segretarja ppreżentat ukoll tlett kwotazzjonijiet miġbura sabiex jinxtraw il-boroż riċiklabbli għar-residenti. Jidher li l-aktar offerta vantaġġjuża hija dik offruta mingħand Steve Rizzo u għalhekk il-Kunsill qabel li nixtru mingħand dan l–aġent.

**25.6** **Approvazzjoni tar-risposta tal-Kunsill għall-*management letter* tal-awdituri.**

Is-Segretarja ppreżentat u qrat ir-risposta tal-Kunsill għall-*management letter* tal-awdituri. Il-membri qablu mal-kontenut.

**25.7 Approvazzjoni tal-Estimi ta' kull kwart tas-sena, Jannar-Marzu 2018.**

Is-Segretarja ppreżentat l-Estimi ta' kull kwart għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Ir-rapport ġie approvat unanimament.

**25.8 Sejħa, Ħruġ u għoti ta' Offerti.**

Is-Segretarja ppreżentat ir-Rapport ta' Evalwazzjoni hekk kif ġie ppreparat mill-bord ta' Evalwazzjoni għal xiri ta' Fanali għat-Toroq John Gaspard le Merchant u Alessandro Franchi. Il-Bord irrakkomanda li din l-offerta ma għandhiex tingħata minħabba li l-ebda offerta mitfugħa ma kienet konformi mal-ispeċifikazzjonijiet mitluba. Il-membri qablu mar-rakkomandazzjoni tal-bord u għalhekk kien hemm il-qbil sabiex din l-offerta terġa toħroġ. Billi l-prezz offrut jidher li hu ferm irħas minn dak proġettat, is-Sindku ppropona u l-Kunsill qabel li din is-sejħa għandha issa tkun għal 26 fanal u mhux ta' 13-il fanal. B'hekk ma jkunx hem għalfejn isiru l-lampi mal-ħitan tad-djar kif il-kunsill kien qabel li jsir mill-proġett ta' aktar dawl li kien proponat mir-Reġjun t'Għawdex. Barra minn hekk tiġi evitata l-problema ta' min ma jkunx irid lampi mad-dar tiegħu.

Il-Kunsill qabel li l-Bord ta' Evalwazzjoni għall-offerti relatati ma dwal għandu jkun iffurmat mis-Sur Daniel Galea, s-Sur William Sultana, l-Inġinier Mario Curmi u l-Avukat Dr. John Paul Grech. Għalhekk jistgħu jsiru l-arranġamenti sabiex jiltaqa l-bord għall-evalwazzjoni tal-offerta li hija magħluqa, jiġifieri dik għall-xiri ta' dwal tal-Milied.

L-offerta għal-bini tal-ħajt tas-sejjieħ fil-Wied tax-Xlendi ħarġet fil-25 ta' Mejju u tagħlaq fit-28 ta' Ġunju fin-12.30pm. Il-Bord ta' Evalwazzjoni għall-offerta ta' bini tal-ħajt tas-sejjieħ għandu jkun iffurmat mis-Sur Daniel Galea, l-Avukat Jonathon Mintoff, l-Perit Edward Scerri u s-Sur William Sultana bħala Chairperson. F'kas li jista joqgħod is-Sindku bħala Chairperson, il-membri qablu li f'kull bord ta' evalwazzjoni jista joqgħod is-Sindku.

L-offerta għal ġbir ta' skart għadha pendenti minħabba li għad ma għandniex ċarezza dwar nistgħux noħorġu l-offerta għal erbgħa snin pero tiġġedded sena b'sena, kif iddeċieda l-kunsill b'mod unanimu fil-laqgħa preċedenti, jew bilfors trid tkun għal żmien erbgħa snin. Dan għar-raġuni li b'korrispondenza mal-Assistent Direttur tal-Gvern Lokali Svetlana Curmi li bgħatet lill-kunsill dan l-aħħar qalet li qed tagħmilha ċara li l-kunsill ma jistax joħroġha inqas minn 4 snin.

Is-Sindku ppreżenta extract mil-Procurement Regulations u talab li nibgħatu lid-dipartiment tal-kuntratti għal parir. Dan minħabba li hemm miktub ċar li offerta ma tistax toħroġ għal iktar minn 4 snin, iżda ma hem xejn li jgħid li ma tistax toħroġ għal inqas. Għalhekk is-Segretarja se terġa' tikteb lill-Assistent Direttur Svetlana Curmi. Is-Sindku qal ukoll li l-kunsill ta' San Lawrenz u l-Għasri, is-sena l-oħra, ħarġu l-offerta għal ġbir tal-iskart ta' sentejn li tista' tiġġedded għal sentejn oħra. Sadanittant, il-Kunsill qabel li għandna nagħtu extension lill-Kuntrattur Debrincat għal żmien xahar ieħor.

L-Offerta għall-xiri ta' fanali għal diversi toroq fil-lokalita tal-Fontana għadha ma hiex lesta, minħabba li kien hem mil-bżonn li tintalab xi klarifikazzjoni min-naħa tal-Inġinier Mario Galea.

**25.9 Iniżjattiva ġdida mill-Awtorita' tal-Ippjanar għall-fondi mid-*Development Planning Fund.***

Is-Segretarja spjegat l-Iskema tal-UIF Funds fejn il-Kunsill jista japplika sabiex iwettaq proġetti relatati ma *green environment* u/jew proġetti fi spazji miftuħa. Il-Kunsill qabel sabiex nipproponu li jsir il-*Porfido* fi Triq il-Għajn, il-parti ta' taħt ir-*railing,* jew fl-*area* ta' wara l-knisja. Il-Kunsill jista jibbenifika sa ħamsin elf matul din is-sena u ħamsin elf oħra matul is-sena 2019.

**25.10 Items ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li huma meħtieġa**

25.10.1 Talba mingħand Pamela Mercieca sabiex tagħmel research permess ta' interview lir-residenti fil-lokalita' tal-Fontana. Il-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni għaliex din hija xi ħaġa ndipendenti mill-Kunsill.

25.10.2 Irċevejna ittra mingħand Fr. Marcell Portelli, li dan l-aħħar kien qed iżur Għawdex, fejn wera l-apprezzament tiegħu għall-għoti ta Ġieħ il-Fontana.

25.10.3 Permessi ta' kiosks fi żmien il-Festa – Irċevejna t-talba permess ta' ittra mingħand is-Sur Joseph Mercieca fejn qiegħed jitlob li nirrevedu l-postijiet tal-kiosks fi zmien il-festa. Il-Kunsill qabel li l-allokazzjoni tal-postijiet huwa fid-diskrezzjoni tal-Kunsill u għalhekk għandu jibqa kollox kif kien sar is-sena li għaddiet. Dan ħlief li jiċċaqlaq in-numru tlieta (tal-*granita*) sabiex ma jkun qed jarma ħadd taħt l-artirjola tal-festa. Il-Kunsill għandu wkoll jassigura li bħal ma ġara fis-sena li għaddiet, il-permessi joħorgu sa 11.45pm is-Sibt biss bħas-sena l-oħra. Dan minħabba l-ħruq tal-logħob tan-nar tal-art.

25.10.4 Is-Segretarja ppreżentat kwotazzjoni ta' *Anti Slip Solutions* li huwa materjal li jista jintuża fuq bankini sabiex ma jkunux jiżolqu.

25.10.5 Is-Segretarja nfurmat lill-membri li l-Estensjoni tat-terminu tal-Pool tas-Segretarji Eżekuttivi fil-Kunsilli Lokali u Kumitati Reġjonali ġiet estiża b'erba' xhur, jiġifieri sal-10ta' Settembru 2018.

Is-Segretarja ppreżentat it-talba tagħha sabiex tutilizza l-*vacation leave* tagħha li jwassal sad-data uffiċċjali tat-terminu mill-kariga tagħha, jiġifieri mill-4ta' Ġunju sal-5ta' Lulju 2018. Il-Kunsill approva dan il-*leave* u l-ittra ġiet iffirmata mis-Sindku.

Wara li s-Sur George Refalo nforma lis-Sindku li lest jaċċetta li jinħatar Aġent Segretarju Eżekuttic tal-kunsill jekk jattendi biss għal-laqgħat tal-kunsill, is-Sindku qal li biex isiru l-laqgħat tal-kunsill ma hux prattiku. Għalhekk, is-Sindku nnomina lis-Sinjorina Manolita Farrugia li tinsab fil-lista ta' Segretarji Eżekuttivi Prospettivi sabiex tkun Deputat Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill. Il-membri qablu u għalhekk is-Segretarja ser tipproċedi bit-talba uffiċċjali lis-Sinjorina Manolita Farrugia.

25.10.6 Ġew ippreżentati l-applikazzjonijiet tal-Planning Authority bin-numri PA/10990/17, PA/04041/18, PA/04192/18, PA/05654/17, PA/07009/02, PA/07009/02, PA/09420/17, PA/00782/18, PA/05567/17, PA/04192/18, PA/02276/18, PA/05567/17.

25.10.7 Stedina sabiex il-Kunsilli jipparteċipaw f'proġett pilota ma Sqallija – *EDIC Pilot Project Sicily Malta.*

25.10.8 Ġiet ippreżentata ċ-ċirkulari numru SPI5/2018 – *Light up the night*, fejn il-Kunsilli Lokali kollha qed jiġu mħeġġa biex fil-lejla ta' bejn 11ta' Mejju u 12 ta' Mejju nixgħelu bil-kulur blu jew vjola.

25.10.9 Is-Segretarja ppreżentat il-programm ta' Sqallija li rċevejna mingħand is-sur Mario Spiteri. Dan wara li ma rċivejniex offerti oħra, ħlief waħda u li riedu n-numru ta' nies sa l-għada tal-laqgħa, xi ħaġa li hija mpossibli. Għalhekk il-membri qablu li nerġgħu nitkellmu ma Mario Spiteri u nitolbu li l-programm jiġi rivedut għal postijiet oħra peress li bil-katamaran mhux possibli mmorru Palermo peress li huwa fill-bogħod. Is-Sindku pporpona li nżuru l-belt ta' Enna u postijiet oħra madwarha. Is-Segretarja u s-Sindku se jieħdu ħsieb jitkellmu ma Mario.

25.10.10 Is-Segretarja nfurmat lill-membri li ġbarna kopja tar-Reġistru Elettorali l-ġdid. Is-Sinjura Rowena Spiteri li żammet il-kors tal-Pilates ħalset għall-użu tas-sala u uriet ix-xewqa li jekk ikun mitlub terġa tagħmel is-*sessions* minn Ottubru li ġej.

25.10.11 B'effett mill-1 ta' Mejju, l-gwardjani Lokali ġew ingaġġati direttament mal-Aġenzija LESA.

25.10.12 Festa tfal li ser tinżamm fl-10 ta' Ġunju – Is-Segretarja nfurmat lill-Kunsill li kollox huwa ppreparat u se tiġi wkoll Annette Portelli bi grupp ta' tfal – *Mystic Dancers.*

25.10.13 Qed isir kors tal-PA fuq medda ta' tlett xhur u għalih qed jattendi l-iskrivan Christopher Buhagiar. Is-sezzjoni li jmiss se ssir fil-25 ta' Mejju.

**25.11 Ilmenti**

Il-Kunsill ma rċeviex ilmenti matul dan ix-xahar.

Mill-Kunsillier Mario Mercieca

Hemm żewġ fanali li għandhom bżonn jinbidlu l-bozoz tagħhom, wieħed fi Triq Kappillan Ħili u ieħor fi Triq il-Għajn. Is-Segretarja ħadet nota sabiex tinforma lil Chris Gauci, l-electrician tal-Kunsill. Semma wkoll li jkun tajjeb nfakkru lil Leli Konti dwar it-tindif tal-Latrina fi zmien tal-festa. Is-Sindku wieġeb li se jieħu ħsieb ikellmu bħal ma għamel kull sena, sabiex il-Latrina tinżamm nadifa.

**25.12 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

Il-pagamenti ġew approvati unanimament u ċ-ċedola ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

**23.13 Tmiem il-laqgħa u data tas-Seduta li jmiss**

Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fis-7.30p.m u ġiet aġġornata għal nhar il-Ġimgħa, 22 ta' Ġunju 2018 fit-3.00p.m b'aġenda li tkun komunikata aktar 'il quddiem.

**Saviour Borg** | **Heidi Grech**
**Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv**